# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Illum, il-Hamis 5 ta' Lulju, 2001

**Kawza Nru. 24.**
**Citazz. Nru. 2536/00 JRM**

**George u Helen konjugi BORG**

**vs**

**Annetto u Rose konjugi MIFSUD**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-30 ta' Novembru, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi silfu lill-konvenuti s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3,500) bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mill-ewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija u sebgha u disghin (1997), kif jirrizulta mill- anness kuntratt datat ghoxrin (20) ta' Marzu elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Antoine Agius (immarkat bhala Dok. GB1);

Illi permezz ta' l-istess att il-partijiet ftehmu li l-konvenuti kellhom ihallsu lura d-debitu taghhom b'pagamenti rateali ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar, b'dan pero' illi jiddekadu mill-beneficcju tat-terminu f'kaz ta' morozita' ta' tlett pagamenti jew f'ammont ekwivalenti;

Illi l-konvenuti naqsu li jeffettwaw regolarment tali pagamenti akkont tad-debitu taghhom tant illi issa waqqfu ghal kollox l-istess pagamenti, kif jirrizulta ahjar mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. GB2;

Illi l-konvenuti ghalhekk iddekadew mill-beneficcju tat- terminu ghall-hlas li gie koncess lilhom mill-atturi;

Illi sal-jum tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni l-konvenuti kienu jinsabu debituri ta' l-atturi fis-somma ta' elfejn tlett mija u sittax-il lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm2316.45c) [Dok. GB2];

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-bilanc dovut minnhom izda baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu ghall-hlas li gie koncess lilhom mill-atturi permezz ta' kuntratt datat ghoxrin (20) ta' Marzu elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Antoine Agius (immarkat bhala Dok. GB1);

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' elfejn tlett mija u sittax-il lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm2316.45c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar mislufa mill-atturi lill-istess konvenuti; u

3. Hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont dovut minnhom skond it-tieni (2) talba;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha tas-17 ta' Jannar, 2001, li bih appuntat is-Smigh tal-kawza ghas-27 ta' Frar, 2001;

Rat illi li mharrkin mizzewgin Mifsud, notifikati kif imiss b'kopja tal-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smigh fit-28 ta' Marzu, 2001 [pagna 14, tergo, tal-process] naqsu li jressqu Nota tal-Eccezzjonijiet fiz-zmien moghti mil-ligi u lanqas ma dehru quddiem il-Qorti biex b'xi mod jikkontestaw it-talbiet attrici kull meta ssejhet il-kawza, u b'hekk waqghu kontumaci;

Rat l-Atti tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tal-attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-atturi;

Rat id-Degriet taghha tal-24 ta' Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-atturi qeghdin ifittxu lill-imharrkin biex ihallsuhom lura l-bilanc ta' somma akbar misselfa lilhom u li l-istess imharrkin waqfu jhallsu lura skond kif miftiehem;

Illi irrisulta li b'kuntratt tal-ghoxrin (20) ta' Marzu, 1998, [Dok GB1, f'pagni 5 u 6 tal-process] l-imharrkin mizzewgin Mifsud iddikjaraw li huma debituri tal-atturi mizzewgin Borg fl-ammont ta' tlitt elef u hames mitt lira maltin (Lm3,500); li din is-somma kellha tithallas lura f'rati ndaqs u kull xahar ta' mitt lira (Lm100) l-wahda; li fuq dan il-kreditu kien jghaddi mghax ta' tmienja fil-

mija (8%) fis-sena b'effett mill-1 ta' Novembru, 1997; li l-ewwel hlas kellu jibda jsir fit-tletin (30) ta' Marzu, 1998; u li jekk kemm-il darba d-debituri jonqsu li jhallsu tliet (3) rati jew jaqghu lura fil-hlas f'ammont ekwivalenti ghal tliet (3) rati, jintilef il-beneficcju taz-zmien;

Illi l-atturi ressqu prospett [Dok GB2] li juri xi hlasijiet saru mill-imharrkin u kif waslu biex jitolbu l-bilanc minnhom mitlub fic-Citazzjoni;

Illi mill-istess prospett, jirrisulta li l-imharrkin hallsu b'kollox elf tmien mija u hamsin lira (Lm1,850) bejn l-10 t'April, 1998, u t-18 ta' Marzu, 2000, meta jidher li ma effettwawx izjed hlasijiet;

Illi l-atturi ma semmewx li lill-imharrkin interpellawhom biex jersqu ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju;

Illi ghar-rigward ta' obbligazzjonijiet li jaghtu lok ghall-gbir tal-imghaxijiet, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikoli 1139, 1140, 1141(1), 1142 u 1169 tal-Kodici Civili;

Illi l-Qorti segwiet il-mod kif l-atturi ikkomputaw l-imghaxijiet u l-bilanci li kienu dovuti ma' kull hlas maghmul mill-imharrkin, u ssib li l-kalkoli maghmula jaqblu sewwa ma' applikazzjoni tal-principji hawn fuq imsemmija, b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda l-approprjazzjoni ta' hlasijiet akkont ghall-imghax pendneti qabel il-hlas tas-somma kapitali [ara sentenza ta' din il-Qorti tal-**31 ta' Jannar, 1941,** fil-kawza fl-ismijiet _Zammit et vs Buhagiar et_ (Kollez. Vol: **XXXI.ii.6**)];

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li l-iharrkin tilfu l-jedd li jhallsu lura s-somma mislufa lilhom fi zmien;

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li l-imharrkin mizzewgin Mifsud ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta' elfejn tliet mija u sittax-il lira maltin u hamsa u erbghin centesmu (Lm2,316.45);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imharrkin mizzewgin Mifsud flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lilll-atturi s-somma ta' Lm2,316.45;

Tikkundanna wkoll lill-imharrkin li jhallsu l-isejjez tal-kawza flimkien mal-imghaxijiet fuq is-somma fuq imsemmija b'effett mit-tletin (30) ta' Novembru, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**5 ta' Lulju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Lulju, 2001.**